# Il-kappella ta' Sant'Anna
# - fil-Kastell Sant'Anġlu, Birgu -

Kitba ta' Joseph Brincat;
Proof Reading ta' Tony Bonello

Id-drittijiet tal-propjetà intellettwali (copyright) huma kollha miżmumin mill-awtur/i oriġinali tal-kitba u mis-sit www.kappellimaltin.com. Ikteb lil webmaster@kappellimaltin.com għall-permess biex tuża dan il-materjal.

Il-kappella ta' Sant'Anna, li hija waħda miż-żewġ kappelli li hemm fil-Kastell "*Castrum Maris*" jew kif inhu magħruf aħjar, il-Kastell Sant'Anġlu, fil-Birgu.

Din il-kappella, li għandha storja kbira, tidher sewwa mill-Barrakka ta' Fuq u minn ħafna postijiet li qegħdin fl-għoli madwar il-Port il-Kbir billi qiegħda fil-parti ta' fuq nett tal-Kastell Sant'Anġlu.

**Il-kastell Sant Anġlu**

Dan il-kastell huwa antik ħafna, u jaf il-bidu tiegħu fl-eqdem żminijiet, saħansitra anke saż-żminijiet Klassiċi. Iżda wisq probabbli li kienu l-Għarab li ħasbu biex jibnu xi torri jew kastell f'tarf il-Birgu. Fi żmien l-Anġovini, il-kastell kien mgħammar b'munizzjon u suldati, u jingħad kif Matteo de Podio, Kastellan Franċiż, iddefendieh meta ġew l-Aragoniżi, fi żmien il-Vespri Siċiljani.

Dan il-forti kemm-il darba ġie rranġat u mkabbar aktar milli kien. L-ewwel tkabbir sar mill-Aragoniżi. U minn hawn għadda għal taħt idejn ċerta familja Maltija De Nava, familja nobbli ta' dixxendenza Sqallija, bi dritt ereditarju mogħti lilha mis-Sultan ta' Spanja. Giovanni De Nava kellu t-titlu ta' Baruni u kien il-Kastellan ta' Sant'Anġlu bejn is-snin 1481 u 1485.

Dan għadda f'idejn l-Ordni ta' San Ġwann, wara li l-familja De Nava ċediet il-kastell kollu, li dak iż-żmien kien jissejjaħ *Castrum Maris*. Minfloku, din il-familja ngħatat pensjoni fis-sena mill-Ordni Ġersolomitana ta' San Ġwann. Wara li ħaduh f'idejhom il-Kavallieri, komplew irranġawh. Dan il-kastell kellu sehem importanti fl-Assedju l-Kbir tal-1565 (għal aktar informazzjoni dwar il-kastell Sant'Anġlu fi żmien l-Assedju l-Kbir ara l-artiklu "Fort St. Angelo during the Great Siege" ta' Dr. Stephen C. Spiteri). Fi żmien l-Ingliżi, dawn ħaduh taħt idejhom u komplew irranġawh u bidluh għas-sura kif nafuh illum.

Apparti din il-kappella ddedikata lil Sant'Anna, fil-kastell hemm ukoll kappella oħra ddedikata lin-Natività tal-Madonna jew, kif nafuha, il-Vitorja.

**Oriġini**

Din il-kappella ta' Sant'Anna fil-bidu kienet iddedikata lil Sant'Anġlu, li meta taħseb ftit ma yiġix bħala sorpriża.. Hija mibnija fuq kripta, li hija mħaffra fil-blat u għalhekk titqies ukoll bħala kappella trogloditika. Din il-knisja kienet mibnija ħafna qabel il-wasla tal-Kavallieri f'Malta. Hu maħsub li nbniet qabel 1274 u nsibuha mniżżla f'dokument Anġovin li jġib dik id-data.

Wara waqgħet f'idejn il-familja De Nava meta dawn ħadu l-forti. Il-kap ta' din il-familja kien il-Ħakem, jew il-Gvernatur ta' din il-gżira. Hija tinsab fil-parti ta' fuq tal-forti, quddiem il-Palazz Maġisterjali. Skont Fra John Critien, il-Kavallier residenti f'Sant'Anġlu, fil-bidu tas-seklu tlettax, fi żmien il-Konti Enerico Pescatore, kien ġie f'dan il-Kastell Piere Vidal, li kien troubadour importanti minn Provence, fi Franza. Dan juri li f'Malta kien hawn ukoll rabtiet kulturali mal-Ewropa anke f'dawn iż-żminijiet. U mhux biss. Joseph M. Brincat, f'kitba fil-Melita Historica tal-1976 jgħid li "*La presenza di Peire Vidal a Malta nel 1204 è un segno sicuro della floridezza economica che l'isola godeva sotto Enrico Pescatore.*" Jiġifieri mhux prestiġju biss kienet tgawdi Malta fi żmien Enerico Pescatore iżda anke affluwenza ekonomika biex setgħu iġibu lil Piere Vidal f'Malta. Hu kien qed jikteb f'artiklu dwar

il-poeżiji li Piere Vidal kiteb f'Malta bejn is-snin 1204-1205 ad unur il-Konti li kien ġabu hawn.

Malli l-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann ħadu l-forti f'idejhom, jiġifieri fl-1532, huma komplew irranġaw u kabbru din il-kappella. Ftit wara li rranġawha, il-Gran Mastru L'Isle Adam għamilha bħala l-kappella privata tal-Gran Mastru, u baqgħet isservi t'hekk sakemm il-Kavallieri telqu mill-Birgu u marru joqogħdu fil-Belt Valletta.

**Id-dedika tal-kappella**

Din il-knisja ċkejkna għandha għamla partikolari tassew, b'navata kbira u saqaf li min isejjaħlu ta' stil Siculo Normann u min stil Malti qadim. Imma hu x'inhu, hu stil li jixbah lil bini ieħor Malti tas-seklu ħmistax. Din il-kappella llum hija ddedikata lil Sant'Anna. Il-Kavallieri kellhom rabta speċjali ma' din il-qaddisa, għax l-ewwel nett, Sant'Anna kienet omm il-Verġni Mqaddsa, u t-tieni nett, għaliex Sant'Anna kienet il-prottetriċi tal-baħħara, u l-Ordni, il-qawwa militari tiegħu essenzjalment kienet il-qawwa navali.

Din il-kappella bidlulha d-dedikazzjoni tagħha darbtejn. Oriġinarjament kienet iddedikata 'l Santa Marija. Imbagħad id-dedika nbidlet għall-Epifanija u fl-aħħar nett reġgħet ġiet iddedikata mill-ġdid lil Sant'Anna, bħalma għadha magħrufa llum.

Hu maħsub li fejn illum hemm din il-kappella, qabel kien hemm tempju qadim ta' Ġuno, u li kien ra l-fdalijiet tiegħu Fra Quintino, storiku tal-Ordni. Fil-kappella hemm kolonna tal-granit aħmar li jingħad li ġejja mill-Eġittu. Din il-kolonna tappartjeni għal dan it-tempju antik ta' Ġuno, tempju ta' xi 1400 sena qabel Kristu. Il-Konti Ruġġieru sab il-fdalijiet ta' dan it-tempju, meta hu ġie Malta fl-1091. Din il-kolonna, li ttellgħet minn qiegħ il-baħar, qiegħda żżomm parti mis-saqaf ta' din il-kappella. Il-kwalità ta' dan il-granit aħmar ta' din il-kolonna jiġi biss mill-Eġittu.

**Il-kappella**

Il-kappella għandha disinn assimetriku, ġeneralment rettangolari iżda b'ħruġ 'il barra fuq in-naħa tal-lemin. Id-dħul hu minn bieb tal-injam li għandu arkata nofs tond u li fuqha hemm tieqa sempliċi ovali. Faċċata tal-entratura prinċipali hemm ftuħ żgħir, speċi ta' pjazzetta, li fit-tarf tagħha, kważi fuq is-sur, hemm statwa ta' San Ġwann il-Battista, il-patrun tal-Ordni Ġerosolmitan.

Il-kappella hija ddekorata fin-naħa ta' fuq bi gwarniċ fil-ġebel mad-dawra kollha. Dan il-gwarniċ jikkomplimenta ieħor bħalu li hemm fit-Torri tal-Kaptan, fuq in-naħa ta' wara tal-kappella.

Fuq il-faċċatta hemm kampnar żgħir b'qanpiena tal-bronż, filwaqt li l-kampnar innifsu għandu fuqu salib tat-tmien ponot tal-kavallieri, maħdum ukoll fil-ġebla. Fuq in-naħa tax-xellug tal-kappella jidher li xi darba kien hemm bieb b'arkata ppuntata li llum, iżda, hu mbarrat bil-ġebel. Fil-ġnub tal-kappella hemm ukoll xi mwieżeb għall-ilma f'għamla ta' kanun żgħir. Fin-naħa ta' wara tal-kappella hemm taraġ li jagħti għal taħt l-art tal-kappella, fejn hemm żewġ swali kbar imdallmin (il-kripta l-antika li nbniet fuqha l-kappella attwali), waħda f'livell aktar baxx mill-oħra. Is-sala ta' taħt fiha bokka fonda li jingħad li nstabu għadam ta' nies fiha u li setgħet kienet tintuża bħala kannierja.

Kif tidħol fil-kappella, issib ruħek f'qisha entratura żgħira. Aktar 'il ġewwa mbagħad issib ruħek fil-parti prinċipali tal-kappella, bi ftuħ wiesa' fuq il-lemin li jagħtiha l-għamla stramba assimetrika li rreferejna għaliha aktar 'il fuq. Is-saqaf hu stil Sikulo-Normann (jew Malti antik, kif diġà għidna) u hu miżmum u mgħaqqad bil-kolonna tal-granit Eġizzjan fin-nofs li tiddemarka wkoll il-kappella prinċipali mill-fetħa fuq il-lemin. Fil-fetħa fuq il-lemin hemm żewġ altari tal-injam, wieħed b'kurċifiss kbir fuqu u l-ieħor fih statwa tal-injam li turi 'l Sant'Anna bil-Madonna f'ħoġorha. Fuq kull naħa ta' din l-istatwa hemm arma minquxa fil-ġebel fil-ħajt. Dawn huma t-tnejn mikulin sew. Quddiem l-altar tal-Kurċifiss hemm ukoll ġinokjatur. Mal-ħajt tal-faċċata ta' dan l-ispazju fuq il-lemin, hemm kitba bil-Latin li

tikkommemora l-Gran Mastru Philip Villiers l’Isle Adam. Skont l-istoriku Anton Attard, l-iskrizzjoni bil-Latin tal-irħama tgħid li l’Isle Adam irranġa din il-kappella u wara, meta miet, indifen fiha. Fil-kripta ta’ din il-kappella, li tinsab taħt il-knisja, indifnu l-ewwel 4 Gran Mastri tal-Ordni li mietu Malta li kienu Fra Filippo de l’Isle Adam, Fra Pierino del Ponte, Fra Jean d’Homedes u Fra Claude de la Sengle. Il-fdalijiet ta’ dawn il-Gran Mastri nġarru fil-Kon-Katidral ta’ San Ġwann, meta dan tlesta. Taħt din l-irħama hemm ukoll żewġ statwi ta’ qaddisin, twal madwar metru, iddentifikati minn Winston Zammit bħala dawk ta’ San Ġwann il-Battista u ta’ San Ġiljan.

Il-kappella nnifisha hi spartana u kważi bla tiżjin. Hemm bieb żgħir fuq in-naħa tal-lemin u fuqu hemm pittura tal-Madonna bil-Bambin ma’ Sant’Anna. It-titular, fuq l-altar sempliċi tal-injam, huwa speċi ta’ riljiev li juri ’l Sant’Anna bil-Madonna żgħira f’idejha. Fuq in-naħa tax-xellug hemm ukoll kandelabru kbir tal-injam elaborat. L-art tal-kappella hi taċ-ċangatura. Fuq l-altar maġġur hemm speċi ta’ koppla ċatta f’għamla ta’ nofs tond u msaqqfa bix-xorok. Din fiha t-twieqi mad-dawra li jħallu d-dawl jidħol ġewwa għal fuq l-altar.

F’dan it-tempju kien hemm ikona antika ħafna bħala titular ta’ din il-kappella. Bejn l-1937 u l-1939, din l-ikona ttieħdet fl-Awla Kapitulari tal-Kolleġjata Insinji ta’ San Lawrenz fil-Birgu, iżda iżda ironikament inqerdet fl-aħħar gwerra bil-bombi tal-għadu.

Fil-kappella ta’ Sant’Anna m’hemmx kwadru titulari. Hemm ritratt fuq it-tila fuq il-bieb tan-naħa tal-lemin tal-kappella, li juri lil Sant’Anna u lill-Madonna bil-Bambin f’idejha. Dan hu *ritratt* fuq it-tila ta’ pittura ta’ Stefano Erardi li hemm fil-Proto-Parroċċa ta’ San Pawl ir-Rabat. Din l-informazzjoni tahielna l-istoriku Anton Attard.

**Il-kappella wara li telqu l-Kavallieri mill-Birgu**

Wara li l-Ordni ġarret lejn il-belt Valletta, ftit huwa magħruf x’servizz baqgħet tagħti din il-kappella li kienet taħt il-ġurisdizzjoni tal-Ordni, iżda nafu li sas-sena 1648 kien għadu jiġi appuntat xi ħadd biex jieħu ħsiebha.

Infatti f'dik is-sena jissemma l-presbiteru Injazju Da Amico, ġiżwita, li kien magħżul biex iservi bħala kappillan tagħha. Aktarx li kienet għall-użu ta' xi kavallieri li kienu jieħdu ħsieb id-difiża tal-port minn dan il-kastell.

Meta ġew il-Franċiżi, fl-1798, jidher li ma baqgħetx tintuża għall-ħtiġijiet reliġjużi. Meta l-kastell kien ġie okkupat mill-forzi tas-servizzi Ingliżi fil-bidu tas-seklu dsatax, il-knisja kienet biss tintuża bħala maħżen biex jerfgħu fiha l-munizzjon u armi tas-suldati.

Sas-sena 1866, kienet għadha miżmuma qisha armerija, mimlija bi ħwejjeġ meħtieġa għall-kanuni li kienu jimlew il-fortizzi. Fis-sena 1882, iżda kienet tbattlet u tnaddfet u bdiet tiġi wżata bħala skola.

Billi qrib is-sena 1921 ma kienet ta' ebda użu, kienet ġiet magħluqa u hekk baqgħet għal bosta snin. Wara kien wera interess fiha wieħed Kmandant Navali tas-Servizz Ingliż fil-kastell u fetaħha mill-ġdid. Wara li tnaddfet, ġiet ikkonsagrata għas-servizz reliġjuż taċ-Church of England għall-użu tal-baħrin Ingliżi li kienu stazzjonati fil-kastell stess.

Bis-saħħa t'hekk kienet ġiet ikkultivata, iżda wara l-gwerra, bil-ħila tal-kappillan Kattoliku tal-flotta Ngliża ta' dak iż-żmien, bdiet tintuża għall-funzjonijiet Kattoliċi. Bdiet issir quddiesa għall-Maltin li jaħdmu hemm. Fil-Vitorja, kienet issir quddiesa għall-pubbliku wkoll. Wara li telqu l-Ingliżi din il-kappella reġgħet ingħalqet.

**Storja riċenti u restawr**

Din il-kappella llum reġgħet waqgħet f'idejn l-Ordni ta' Militari Sovran ta' San Ġwann. Dan sar permezz ta' trattat bejn l-istat Malti u l-Ordni ta' San Ġwann fil-5 ta' Diċembru tal-1998, fejn l-Ordni ingħata sovranità limitata fuq il-parti ta' fuq tal-forti li jinkludi l-Palazz tal-Gran Mastru kif ukoll il-kappella ta' Sant'Anna. Dan sar sabiex l-Ordni jkun jista' jaħdem aħjar iżda wkoll biex jiddefinixxi aħjar l-istatus legali tal-forti u s-sovranità ta' Malta fuqu.

It-trattat kien ratifikat fl-1 ta' Novembru tal-2001 u jkopri 99 sena iżda l-istat Malti jista' jwaqqfu wara li jkunu għaddew almenu 50 sena. Il-bandiera Maltija għandha tittajjar f'lok prominanti flimkien ma' dik tal-Ordni.

Għalkemm il-kappella hi miżmuma tajjeb ħafna, s'issa kienet qiegħda tintuża biss f'xi okkażjonijiet mill-Gran Mastru tal-Ordni. Sfortunatament din il-kappella ma tantx kienet qed tinfetaħ għall-pubbliku, għajr nhar it-8 ta' Settembru, il-ġurnata li fiha Malta tiċċelebra l-festa nazzjonali tal-Vitorja, il-jum li fost l-oħrajn jikkommemora r-rebħa fl-Assedju l-Kbir fuq it-Torok. L-uniku resident uffiċjali li hemm f'Sant'Anġlu, Fra John Critien, kull nhar is-26 ta' Lulju fil-festa ta' Sant'Anna jagħmel festa bil-kbir fil-kappella kif ukoll isiru xi attivitajiet soċjali wara bis-sehem tal-poplu tal-Birgu.

Sa ftit ilu, il-forti u l-kappella kienu magħluqin minħabba restawr estensiv li kien qed isir minn *Heritage Malta* permezz ta' fondi mill-ERDF tal-Unjoni Ewropea. Fil-5 ta' Marzu tal-2012 il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) alloka €13.4 miljun għar-restawr u l-konservazzjoni tal-forti. Dan ir-restawr issa hu lest u kien koordinat minn Heritage Malta taħt id-direzzjoni tal-perit Ruben Abela. Il-forti, inkluż il-kappella, ġew inawgurati waqt il-konferenza internazzjonali tal-pajjiżi tal-Commonwealth (CHOGM) li saret f'Novembru tal-2015. Hemm ħsieb li l-*Heritage Malta* jibdew jiftħu l-forti għall-pubbliku ġenerali fuq bażi regolari.

Restawr ieħor li kien sar fil-kappella infisha kien dak tar-riljev fuq l-altar maġġur li juri lil Sant'Anna mal-Madonna. Dan kien ġie rrestawrat fl-2013 fuq inizjattiva tal-NGO *Flimkien għall-Ambjent Aħjar* (FAA). L-ispejjeż tar-restawr, li sar mir-restawratur David Frank Bugeja, tħallsu mid-ditta Atlas Insurance.

**Nota**:

Id-deskrizzjoni tal-kappella mogħtija hawn fuq hi kif kienet tidher nhar it-8 ta' Settembru 2007 meta, bħal snin oħrajn, kienet miftuħa għall-pubbliku

ġenerali. Jista' jkun li minn dak in-nhar 'l hawn, sar xi tibdil u/jew ċaqliq ta' oġġetti li fiha din il-kappella. Għalhekk, id-direzzjoni tixtieq li min għandu xi informazzjoni dwar dan, jgħaddihielna sabiex ikollna stampa kompleta u attwali ta' kif inhi din il-kappella.